**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 27 ta' Ottubru, 2021**

**Avviz Numru: 338/2017 MLF**

**Big Exhibits Limited**

**vs**

**Unique Construction Limited u**
**Unique Turnkey Limited**

Il-Qorti,

Rat ir-rikors tas-socjeta` attrici Big Exhibits Limited sabiex is-socjetajiet konvenuti Unique Construction Limited u Unique Turnkey Limited jigu ikkundannati jhallsu l-ammont globali ta' hamest elef, sitt mija u tnejn u disghin Euro u wiehed u disghin centezmu (€5,692.91) (inkluz il-VAT), rapprezentanti l-bilanc dovut lis-socjeta` attrici minn ammont ikbar ta' erbatax-il elf, mitejn u erbgha u hamsin Euro u erbghin centezmu (€14,254.40) dettaljat fil-fattura annessa mar-rikors promotur u mmarkata 'Dok. BE 1', rapprezentanti l-valur tax-xoghlijiet ezegwiti mis-socjeta` attrici, u dan wara li tnaqqas l-ammont ta' elf, erba' mija u erbgha u tletin Euro u disgha u ghoxrin centezmu (€1,434.29) (inkluz il-VAT), kif jirrizulta mill-'Credit Note' relattiva bin-numru '31000794' ('Dok. BE 2') u mir-Rendikont relattiv ('Dok. BE 3'), rapprezentanti l-valur ta' xoghlijiet li ma gewx ezegwiti mis-socjeta` attrici in vista tal-inadempjenza u tal-intransigenza tas-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, li

jwettqu l-obbligi taghhom relattivi ghall-hlasijiet dovuti in virtu tar-relazzjoni kuntrattwali bejn il-partijiet, u dan minkejja diversi weghdiet ta' hlas da parti tal-istess socjetajiet konvenuti f'dan ir-rigward.

Bl-ispejjez, inkluz dawk relattivi ghall-ittra ufficjali bin-numru 1916/2017 u ghall-mandat ta' sekwestru kawtelatorjuipprezentat kontestwalment ma' dan ir-rikors, u bl-imghax kummercjali, dekorribbli mid-data ta' meta l-ammont hawn reklamat sar dovut lis-socjeta` attrici sad-data tal-pagament effettiv tal-ammont intier dovut lilha, kontra s-socjetajiet konvenuti u bl-ingunzjoni ta' rapprezentanti taghhom ghas-subizzjoni.

Rat li s-socjetajiet konvenuti debitament notifikati naqsu li jipprezentaw risposta u li jidhru fis-seduta tat-23 ta' Jannar 2019.

Rat id-dokumenti u l-atti kollha pprezentati.

Rat li fl-istess seduta tat-23 ta' Jannar 2019 xehdet Charlene Bugeja, accounts administrator fi hdan is-socjeta attrici li bil-gurament ikkonfermat li l-ammonti pretizi mis-socjeta attrici fir-rikors promotur ghadhom dovuti u li ma sar l-ebda hlas minn meta gew intavolati dawn il-proceduri, u ipprezentat statement of accounts mahrug u iffirmat minnha fil-21 ta' Jannar 2019.

Mill-provi prodotti, il-Qorti hija sodisfatta li t-talba tas-socjeta attrici hija gustifikata.

Ghal fini tal-komputazzjoni tal-imghax skond il-fattura originali datata 28 t'April 2017[1], il-pagament kien dovut fi zmien disghin (90 gurnata) mid-data tal-fattura, u cioe sas-27 ta' Lulju 2017.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti tilqa' t-talba tas-socjeta attrici u tikkundanna lis-socjetajiet konvenuti Unique Constuction Limited u Unique Turnkey Limited jhallsu lis-socjeta attrici l-ammont globali ta' hamest elef, sitt mija u tnejn u disghin Euro u wiehed u disghin centezmu

[1] A fol. 2 tal-process.

(€5,692.91) (inkluz il-VAT), bl-imghax kummercjali, dekorribbli mis-27 ta’ Lulju 2017 - id-data ta’ meta l-ammont imsemmi sar dovut lis-socjeta` attrici - sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjez kollha in konnessjoni ma’ dawn il-proceduri, inkluz dawk relattivi ghall-ittra ufficjali bin-numru 1916/2017 u ghall-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju ipprezentat kontestwalment mar-rikors promotur, ghandhom jigu subiti mis-socjetijiet konvenuti.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**